MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2009

Numru. 598/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**

**KONTRA**

**CHRISTOPHER ELLUL**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Christopher Ellul ta’ 41 sena, bin Emmanuel u Mary nee’ Naudi, mwieled Sliema nhar is- 16 ta’ Gunju 1968, residenti fil- fond numru 240, Triq Sant Orsla, Valletta u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 280668(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar id – 19 ta’ Gunju 2009, gewwa l- Belt Valletta, b’diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti, li jiksru l- istes dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda;

1) offenda l- pudur jew il- morali ta’ Alexia Attard detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 54290(M), b’eghmil li sar f’lok pubbliku, jew f’lok espost ghall-pubbliku bi ksur tal- Artikolu 209 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;
2) offenda l- pudur jew il- morali ta’ Elaine Busuttil detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 438988(M), b’eghmil li sar f’lok pubbliku, jew f’lok espost ghall-pubbliku bi ksur tal- Artikolu 209 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;
3) u aktar talli fl- istess data, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni bi ksur tal- Artikolu 338 (bb) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4) u aktar talli fl- istess zmien u cirkostanzi, renda ruhu recidiv b’diversi sentenzi tal- Qorti tal-Magistrati Malta liema sentenza saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tathu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikoli 49, 50, 209 u 338 (bb) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------